FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL- GIMGHA 22 TA' FRAR, 2002**

**Avviz Nru: 724/01 AJD**

**Tony Aquilina Limited**

**vs**

**F.F. Holdings Limited u Jan Wouter u Joanna konjugi Stigter**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Awissu, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati 'in solidum', hew min minnhom, ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u hdax il-lira Maltin u tmien centezmu (Lm311.08), bilanc ta' soma akbar rappresentanti xoghol ta' tahmiel ta' materjal u tqattiegh ta' blat fi Triq Markiz J. Scicluna, u dana skond kont Dok. A, liema xoghol kien gie ordnat mill-konvenuti Stigter u konfermat mis-socjeta' konvenuta.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 6 ta' April, 2001, u bl-imghax legali mid-19 ta' Lulju, 1999, kontra l-konvenuti, jew min minnhom.

Ra r-risposta tal-konvenuti Jan Wouter u Johanna konjugi Stigter fejn eccepew:-

1. Illi l-konvenuti mizzewgin Stigter ma ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-ossevanza tal-gudizzju bl-ispejjes. Il-konvenuti qatt ma taw ordni lis-socjeta' attrici biex jaghmlu xi xoghol. Ix-oghol sar qabel ma saru sidien tal-propjeta' in kwistjoni. Joe Fenech Vella ta' FF Holdings Ltd kien ammetta li kellu

jhallas dan l-ammont hu.

Ra li s-socjeta' konvenuta F.F. Holdings Limited nonostante li giet debitament notifikata, ma prezentat ebda risposta u naqset milli tidher fis-seduti quddiem it-Tribunal.

Ra r-risposta ulterjuri tal-konvenuti Jan Wouter u Johanna konjugi Stigter fejn eccepew:-
1. Illi t-talba attrici hija preskritta a tenut tal-artiklu 2149 (a) tal-Kodici Civili.

Sema' x-xhieda ta' Lorraine Azzopardi, ta' Jan Wouter Stigter u ta' Tony Aquilina rapprezentant tas-socjeta' attrici.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet in kwantu jirrigwarda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti Stigter.

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Jannar, 2002, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti Stigter.

Ikkunsidra:-
1. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici jirrigwarda bilanc ta' prezz ta' xogholijiet ta' tahmiel ta' materjal u tqattiegh ta' blat esegwiti mis-socjeta' attrici fi Triq J. Markiz Scicluna, l-Madliena.

2. Illi l-konvenuti Stigter qed jeccepixxu l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 liema Artikolu jghid hekk:-
"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn:
(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xogholijiet ohra ta' injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu."

3. Illi l-fattura esibita a fol. 2 mahruga mis-socjeta' attrici hija intestata lis-socjeta' konvenuta F.F. Holdings Limited biss. Din il-fattura tindika li l-prezz komplessiv tax-xogholijiet kien ta' Lm622.16 izda minn dan l-ammont is-socjeta' konvenuta F.F. Holdings Limited hallset is-somma ta' Lm311.00 u dan il-pagament akkont gie effetwat fit-12 ta' Ottubru, 2000.

4. Illi l-kawza odjerna giet intavolata fit-13 ta' Awissu, 2001, u d-data tal-fattura esibita a fol. 2 hija d-19 ta' Lulju, 1999.

5. Illi l-pagament li sar fit-12 ta' Ottubru, 2000, mis-socjeta' konvenuta F.F. Holdings Limited indubjament jinterrompi l-preskrizzjoni. F'dan ir-rigward il-konvenuti Stigter isostnu li l-preskrizzjoni giet interrotta biss fil-konfronti tas-socjeta' konvenuta F.F. Holdings Limited stante li l-pagament gie effetwat minnha filwaqt li s-socjeta' attrici tirribatti li pagament minn ko-debitur jinterrompi l-perijodu ta' preskrizzjoni fil-konfronti tad-debituri kollha.

6. Illi t-Tribunal irid ghalhekk jistabbilixxi jekk l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwiex dovut (1) mis-socjeta' konvenuta wahedha, jew in solidum mal-konvenuti Stigter, qabel ma jiddeciedi dwar il-kwistjoni tal-interruzzjoni ta' preskrizzjoni.

7. Illi kif diga' ntqal aktar il-fuq, il-fattura relattiva ghall-prezz tax-xogholijiet mahruga mis-socjeta' attrici hija ntestata biss lis-socjeta' konvenuta F.F. Holdings Limited izda s-socjeta' attrici ssostni li qabel ma saru x-xogholijiet kien il-konvenut Jan Stigter li talab stima tal-prezz tax-xogholijiet. Din l-istima li tinsab esibita a fol. 16 hija ntestata lil Stigter izda minn dan id-dokument jidher li l-istima giet ikkonfermata mis-socjeta' konvenuta F.F. Holdings Limited u mhux minn Stigter. Dan il-fatt gie konfermat minn Tony Aquilina, ir-rappresentant tas-socjeta' attrici. Jidher ghalhekk li x-xogholijiet gew ordnati mis-socjeta' konvenuta F.F. Holdings Limited u mhux mill-konvenuti Stigter, stante li l-accettazzjoni tal-istima saret minn F.F. Holdings Limited u mhux minn Stigter. Il-fatt li Stigter seta' inizjalment talab l-istima hija ghal kollox irrilevanti ghaliex minn imkien ma jirrizulta li huwa effetivament accetta l-istima rilaxxjata mis-socjeta' attrici jew b'xi mod inkariga lis-socjeta' attrici tesegwixxi l-imsemmija xogholijiet.

8. Fil-fehma tat-Tribunal ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-konvenuti Stigter u s-socjeta' attrici. Isegwi ghalhekk li l-azzjoni attrici hija fi kwalunkwe kaz preskritta ai termini tal-Artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 stante li l-pagament li gie effetwat mis-socjeta' konvenuta F.F. Holdings Limited ma jinterrompiex il-preskrizzjoni fil-konfronti tal-konvenuti Stigter stante li huma m'humiex co-debituri tas-socjeta' attrici flimkien mas-socjeta' konvenuta F.F. Holdings Limited.

9. Illi kif diga' ntqal aktar il-fuq, is-socjeta' konvenuta F.F. Holdings Limited ma prezentatx risposta u ma kkontestatx it-talbiet attrici bl-ebda mod. Jidher ukoll li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ghadu dovut u ghalhekk it-Tribunal jista' jiddeciedi wkoll dwar il-mertu.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti Stigter u ghalhekk jiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini tal-Artikolu 2149 (a) kif ukoll jilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa' t-talbiet attrici fil-konfronti tas-socjeta' konvenuta F.F. Holdings limited u jikkundanna lill-istess F.F. Holdings Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u hdax il-lira Maltin u tmien centezmi (LM311.08) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta F.F. Holdings Limited skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**